

**Brussell, 24 ta' Ottubru 2025
(OR. en)**

**14482/25
ADD 1 REV 1**

**AVIATION 144
DELECT 161**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 6987 annex
Suġġett:	ANNESSI tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament (UE) Nru 748/2012 fir-rigward taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 6987 annex.

Mehmuż: C(2025) 6987 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.10.2025
C(2025) 6987 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 748/2012 fir-rigward taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett

ANNEX I

L-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) il-werrej huwa emendat kif ġej:

(a) l-intestatura tal-punt 21.A.179 hija sostitwita b'din li ġejja:

“21.A.179 Trasferibbiltà”;

(b) l-entrata tal-Appendiċi II hija sostitwita b'dan li ġej:

“Appendiċi II — riżervat”;

(2) il-punt 21.A.174 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (2), il-punti (ii) u (iii) huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“(ii) id-dikjarazzjoni tal-massa u tal-bilanċ li tikkorrispondi għall-konfigurazzjoni attwali tal-inġenju tal-ajru, kif applikabbli;

(iii) il-manwal tat-titjira jekk meħtieġ mill-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli.”;

(ii) il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. fir-rigward tal-inġenju tal-ajru użat li fiż-żmien tal-applikazzjoni:

(i) għandu ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà maħruġ f'konformità ma' dan l-Anness, kopja ta' dan iċ-ċertifikat u wieħed mid-dokumenti li ġejjin:

(A) ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà validu (ARC) maħruġ f'konformità mal-Anness I (il-Parti-M) jew mal-Anness Vb (il-Parti-ML) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014*, jew mal-Anness I (il-Parti-ML.UAS) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/1107, kif applikabbli;

(B) rakkomandazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà skont reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-Anness I (il-Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, fejn il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt M.A.901(b)(1) tal-Anness I (il-Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 ma jkunux issodisfati;

(ii) ma għandux ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà maħruġ f'konformità ma' dan l-Anness:

(A) dikjarazzjoni mill-awtorità xierqa li kienet responsabbli għas-sorveljanza tal-inġenju tal-ajru li tirrifletti l-istatus tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru fiż-żmien meta dik l-awtorità temmet ir-responsabbiltajiet ta' sorveljanza tagħha;

(B) id-dikjarazzjoni tal-massa u tal-bilanċ li tikkorrispondi għall-konfigurazzjoni attwali tal-inġenju tal-ajru, kif applikabbli;

(C) il-manwal tat-titjira jekk meħtieġ mill-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli;

- (D) ir-rekords storiċi meħtieġa sabiex jiġi stabbilit l-istandard tal-produzzjoni, tal-konfigurazzjoni u tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru, inklużi l-limitazzjonijiet kollha assoċjati ma' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett maħruġ f'konformità mal-punt 21.B.327;
- (E) rakkomandazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà skont reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-Anness I (il-Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 jew ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-Anness Vb (il-Parti-ML) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 jew mal-Anness I (il-Parti-ML.UAS) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/1107, sakemm ma jkunx hemm ftehim li r-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà trid titwettaq mill-awtorità kompetenti;
- (F) id-data meta nħareġ l-ewwel ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u, jekk japplikaw l-istandards stabbiliti fil-Volum III tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, id-data tal-valur metriku tas-CO₂;
- (G) jekk iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà preċedenti tal-inġenju tal-ajru jkun inħareġ f'konformità ma' dan l-Anness iżda jkun ġie sussegwentement revokat jew ċedut, b'mod alternattiv għad-dikjarazzjoni meħtieġa fil-punt (A), id-dokumentazzjoni kollha li ġejja:
 - (a) dikjarazzjoni li jkun fiha:
 - (1) id-dettalji tar-raġunijiet għar-revoka jew għaċ-ċediment taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà;
 - (2) id-dettalji ta' kif l-inġenju tal-ajru ġie ppreservat u miżmum wara r-revoka jew iċ-ċediment taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà;
 - (3) l-informazzjoni rilevanti l-oħra kollha relatata mal-kundizzjoni u l-istorja tal-inġenju tal-ajru;
 - (b) programm ta' evalwazzjoni żviluppat u mwettaq f'konformità mal-punti 21.A.174(d)(3) u 21.A.174(d)(4), sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

* Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1321/oj>).”;

(b) jiżdied il-punt (d) li ġej:

“(d) B’deroga mill-punt 21.A.174 (b)(3)(ii)(A), f’każijiet eċċezzjonali u bi ftehim minn qabel mill-awtorità kompetenti, tista’ ssir applikazzjoni mingħajr dikjarazzjoni li tirrifletti l-istatus tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

1. l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tkun sodisfatta li d-dikjarazzjoni tal-ajrunavigabbiltà ma ġietx miċħuda mill-awtorità tal-avjazzjoni preċedenti minħabba tħassib dwar l-ajrunavigabbiltà, sakemm dak it-tħassib ma jkunx ġie indirizzat u kkoreġut;

2. ikun hemm evidenza disponibbli għall-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni dwar id-disinn approvat li skontu l-inġenju tal-ajru nbena u ġie kkonsenjat inizjalment;
3. jiġi żviluppat programm ta' evalwazzjoni li jagħti dettalji dwar l-investigazzjonijiet li huma meħtieġa biex jikkumpensaw għan-nuqqas tad-dikjarazzjoni tal-ajrunavigabbiltà msemmija fil-punt 21.A.174(b)(3)(ii)(A);
4. l-attivitajiet ta' investigazzjoni twettqu f'konformità mal-programm ta' evalwazzjoni, u r-riżultati ġew miġbura fil-qosor f'rapport ta' evalwazzjoni;
5. fuq talba mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, l-applikant jipprovdi aċċess għal, u kopji ta', kwalunkwe informazzjoni li ntużat biex jiġi ġġenerat il-programm ta' evalwazzjoni u r-rapport ta' evalwazzjoni.

Il-programm ta' evalwazzjoni msemmi fl-ewwel paragrafu, il-punt (3), għandu jiżgura li l-inġenju tal-ajru u r-rekords tiegħu jkunu f'kundizzjoni li twassal lill-inġenju tal-ajru biex ikun eliġibbli għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà, permezz ta' investigazzjonijiet komprensivi mwettqa minn organizzazzjoni approvata jew mill-awtorità kompetenti. Il-programm għandu jidentifika kwalunkwe diskrepanza jew nuqqas u, wara l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa, l-inġenju tal-ajru jingiebb f'konformità mal-istandards applikabbli tal-ajrunavigabbiltà. Il-programm ta' evalwazzjoni ma għandux jissostitwixxi l-kompiti mwettqa mill-persuna jew mill-organizzazzjoni responsabbli għall-kompiti ta' kontinwità tal-ajrunavigabbiltà jew ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, iżda għandu jikkomplementahom.

Il-programm ta' evalwazzjoni għandu jiġi żviluppat, u l-investigazzjonijiet dettaljati fih għandhom jitwettqu minn:

- (i) organizzazzjoni approvata skont il-punt CAMO.A.125 (g) tal-Anness Vc (il-Parti-CAMO) jew il-punt CAO.A.095 (c) (3) tal-Anness Vd (il-Parti-CAO) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, jew f'konformità mal-Anness II (il-Parti-CAO.UAS) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/1107, kif applikabbli;
- (ii) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, biss għall-inġenji tal-ajru ta' 2 730 kg MTOM jew inqas u mal-aċċettazzjoni ta' dik l-awtorità.

Il-programm ta' evalwazzjoni għandu jispeċifika l-attivitajiet li għandhom jitwettqu biex jiġi identifikat l-istatus tal-inġenju tal-ajru fir-rigward tal-konformità mad-disinn tat-tip approvat, il-modifiki u t-tiswijiet u l-manutenzjoni eżistenti, u l-istatus tal-ajrunavigabbiltà kontinwa. Il-programm ta' evalwazzjoni, jekk jiġi żviluppat minn organizzazzjoni msemmija fit-tielet paragrafu, il-punt (i), għandu jiġi aċċettat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni qabel ma titwettaq l-evalwazzjoni.”;

- (3) il-punt 21.A.179 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“21.A.179 Trasferibbiltà

Iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u ċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għandhom jiġu ttrasferiti flimkien mal-inġenju tal-ajru dment li l-inġenju tal-ajru jibqa' fl-istess reġistru.”;

- (4) fil-lista tal-Appendiċijiet (FORMOLI TAL-EASA), l-entrata fl-Appendiċi II hija sostitwita b'dan li ġej:
“Appendiċi II — riżervat”;
- (5) L-Appendiċi II titħassar.

ANNESS II

L-Anness Ib (il-Parti 21 Dawl) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt 21L.A.143 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (c), il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. id-dikjarazzjoni tal-massa u tal-bilanċ li tikkorrispondi għall-konfigurazzjoni attwali tal-inġenju tal-ajru, kif applikabbli;”;

(b) fil-punt (d), il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. id-dikjarazzjoni tal-massa u tal-bilanċ li tikkorrispondi għall-konfigurazzjoni attwali tal-inġenju tal-ajru, kif applikabbli;”;

(c) il-punti (e) u (f) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(e) Għal inġenju tal-ajru użat li fiż-żmien tal-applikazzjoni jkollu ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà maħruġ f'konformità ma' dan l-Anness, l-applikant għandu jinkludi fl-applikazzjoni kopja ta' tali ċertifikat u wieħed minn dawn li ġejjin:

1. ċertifikat ta' revizzjoni tal-ajrunavigabbiltà (ARC) validu maħruġ f'konformità mal-Anness I (il-Parti-M) jew mal-Anness Vb (il-Parti-ML) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, kif applikabbli;
2. rakkomandazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' revizzjoni tal-ajrunavigabbiltà skont revizzjoni tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-Anness I (il-Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, fejn il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt M.A.901(b)(1) tal-Anness I (il-Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 ma jkunx issodisfati.

(f) Għal inġenju tal-ajru użat li fiż-żmien tal-applikazzjoni jkollu ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà maħruġ f'konformità ma' dan l-Anness, l-applikant għandu jinkludi fl-applikazzjoni id-dokumentazzjoni kollha li ġejja:

1. dikjarazzjoni mill-awtorità xierqa li kienet responsabbli għas-sorveljanza tal-inġenju tal-ajru li tirrifletti l-istatus tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru fiż-żmien meta dik l-awtorità temmet ir-responsabbiltajiet ta' sorveljanza tagħha;
2. ir-rekords storiċi meħtieġa sabiex ikun stabbilit l-istandard tal-produzzjoni, tal-konfigurazzjoni u tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru;
3. id-dikjarazzjoni tal-massa u tal-bilanċ li tikkorrispondi għall-konfigurazzjoni attwali tal-inġenju tal-ajru, kif applikabbli;
4. il-manwal tat-titjira, jekk ikun meħtieġ mill-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli jew mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli għad-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn;
5. rakkomandazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' revizzjoni tal-ajrunavigabbiltà skont revizzjoni tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-Anness I (il-Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 jew ċertifikat ta' revizzjoni tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-Anness Vb (il-Parti-ML) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, sakemm ma jkunx hemm ftehim li r-revizzjoni tal-ajrunavigabbiltà trid titwettaq mill-awtorità kompetenti;
6. jekk iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà preċedenti tal-inġenju tal-ajru jkun inħareġ f'konformità ma' dan l-Anness iżda jkun ġie sussegwentement

revokat jew ċedut, b'mod alternattiv għad-dikjarazzjoni meħtieġa fil-punt (1), id-dokumentazzjoni kollha li ġejja:

- (i) dikjarazzjoni li jkun fiha:
 - (A) id-dettalji tar-raġunijiet għar-revoka jew għaċ-ċediment taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà;
 - (B) id-dettalji ta' kif l-inġenju tal-ajru ġie ppreservat u miżmum wara r-revoka jew iċ-ċediment taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà;
 - (C) l-informazzjoni rilevanti l-oħra kollha relatata mal-kundizzjoni u l-istorja tal-inġenju tal-ajru;
- (ii) programm ta' evalwazzjoni żviluppat u mwettaq f'konformità mal-punti 21L.A.143(h)(3) u 21L.A.143(h)(4), sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.”;

(d) jiżdied il-punt (h) li ġej:

“(h) B’deroga mill-punt 21L.A.143(f)(1), f’każijiet eċċezzjonali u bi ftehim minn qabel mill-awtorità kompetenti, tista’ ssir applikazzjoni mingħajr dikjarazzjoni li tirrifletti l-istatus tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

1. l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tkun sodisfatta li d-dikjarazzjoni tal-ajrunavigabbiltà ma ġietx miċħuda mill-awtorità tal-avjazzjoni preċedenti minħabba tħassib dwar l-ajrunavigabbiltà, sakemm dak it-tħassib ma jkunx ġie indirizzat u kkoreġut;
2. ikun hemm evidenza disponibbli għall-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni dwar id-disinn approvat li skontu l-inġenju tal-ajru nbena u ġie kkonsenjat inizjalment;
3. jiġi żviluppat programm ta' evalwazzjoni li jagħti dettalji dwar l-investigazzjonijiet li huma meħtieġa biex jikkompensaw għan-nuqqas tad-dikjarazzjoni tal-ajrunavigabbiltà msemmija fil-punt 21L.A.143(f)(1).
4. l-attivitajiet ta' investigazzjoni twettqu f'konformità mal-programm ta' evalwazzjoni, u r-riżultati ġew miġbura fil-qosor f'rapport ta' evalwazzjoni;
5. fuq talba mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, l-applikant jipprovdi aċċess għal, u kopji ta', kwalunkwe informazzjoni li ntużat biex jiġi ġġenerat il-programm ta' evalwazzjoni u r-rapport ta' evalwazzjoni.

Il-programm ta' evalwazzjoni msemmi fl-ewwel paragrafu, il-punt (3), għandu jiżgura li l-inġenju tal-ajru u r-rekords tiegħu jkun f'kundizzjoni li twassal lill-inġenju tal-ajru biex ikun eliġibbli għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà, permezz ta' investigazzjonijiet komprensivi mwettqa minn organizzazzjoni approvata jew mill-awtorità kompetenti. Il-programm għandu jidentifika kwalunkwe diskrepanza jew nuqqas u, wara l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa, l-inġenju tal-ajru jingiebi f'konformità mal-istandards applikabbli tal-ajrunavigabbiltà. Il-programm ta' evalwazzjoni ma għandux jissostitwixxi l-kompiti mwettqa mill-persuna jew mill-organizzazzjoni responsabbli għall-kompiti ta' kontinwità tal-ajrunavigabbiltà jew ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, iżda għandu jikkomplementahom.

Il-programm ta' evalwazzjoni għandu jiġi żviluppat, u l-investigazzjonijiet dettaljati fih għandhom jitwettqu minn:

- (i) organizzazzjoni approvata f'konformità mal-punt CAMO.A.125 (g) tal-Anness Vc (il-Parti-CAMO) jew il-punt CAO.A.095 (c)(3) tal-Anness Vd (il-Parti-CAO) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014;
- (ii) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, biss għall-inġenji tal-ajru ta' 2 730 kg MTOM jew inqas u mal-aċċettazzjoni ta' dik l-awtorità.

Il-programm ta' evalwazzjoni għandu jispjega l-attivitajiet li għandhom jitwettqu biex jiġi identifikat l-istatus tal-inġenju tal-ajru fir-rigward tal-konformità mad-disinn tat-tip approvat, il-modifiki u t-tiswijiet u l-manutenzjoni eżistenti, u l-istatus tal-ajrunavigabbiltà kontinwa. Il-programm ta' evalwazzjoni, jekk jiġi żviluppat minn organizzazzjoni msemmija fit-tielet paragrafu, il-punt (i), għandu jiġi aċċettat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni qabel ma titwettaq l-evalwazzjoni.”;

- (2) il-punt 21L.A.145 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“21L.A.145 Trasferibbiltà

L-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u l-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għandhom jiġu ttrasferiti flimkien mal-inġenju tal-ajru dment li l-inġenju tal-ajru jibqa' fl-istess reġistru.”.